MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 124/2010

**Emanuel Genovese**

**vs**

**Raymond Busuttil u l-atti gew trasfuzi f'isem martu Carmen Busuttil u wliedu Cleaven Busuttil, Stephanie Ayad u Romina Busuttil b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2012 u b'digriet tal-20 ta' Frar 2013 l-atti regghu gew trasfuzi minn fuq ulied id-decuius Raymond Busuttil ghal fuq martu Carmen Busuttil.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' April, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni stante ix-xoghol ta' appalt ezegwit b'imperizja u mhux skond is-sengha u l-arti fil-fond 34, Triq Censu Borg, Hamrun liema danni ma jeccedux hdax-il elf, sitt mija u hamsin ewro (€11,650).

Bl-ispejjez, u bl-imghax u l-konvenut ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Raymond Busuttil pprezentata minnu fit-8 ta' Gunju 2010 fejn eccepixxa:

1. *"Fl-ewwel lok, in-nullita` ta' dan l-avviz stante illi ma gietx identifikata l-qorti li fih gie intavolat.*

2. *Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici m'hijiex gustifikata u ma timmeritax illi tintlaqa'. M'hux talli x-xoghol ta' appalt imwettaq mill-konvenut sar skond is-sengha u l-arti, talli l-attur wera s-sodisfazzjon tieghu fir-rigward ta' l-istess xoghol u nkarigah jaghmel xoghol iehor, inkluz it-tqeghid ta' madum tal-kamra tal-banju.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat li fil-verbal tal-10 ta' Gunju, 2010 din il-Qorti kienet innominat bhala Espert Tekniku lil AIC Reuben Sciortino biex jaccedi fil-post imsemmi fl-avviz u jaghti deskrizzjoni tax-xoghol li twettaq fil-fond imsemmi fl-avviz u jekk sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat illi l-Perit Reuben Sciortino pprezenta r-relazzjoni tieghu nhar il-15 ta' Novembru 2010 u l-istess Perit xehed fl-10 ta' Jannar 2011 fejn ikkonferma r-relazzjoni bil-gurament u giet immarkata Dok. RS. Fir-relazzjoni, il-Perit wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

*"Wara l-access fuq il post huwa l-opinjoni taghna li l-madum seta' jitqieghed b'mod ahjar u ghaldaqstant huwa fil-fehma taghna li l-madum ma tqejjiedx skont is-sena u l-arti."*

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fl-atti nhar it-12 ta' Jannar 2011 fejn talab il-hatra ta' perizja perizjuri u l-Qorti laqghet tilqa' t-talba tieghu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011 u innominat bhala periti perizjuri lil AIC Valerio Schembri, AIC Mario Cassar u AIC Jesmond Mugliett u ordnat li l-perit anzjan Mario Cassar ikun Chairman.

Illi l-Qorti giet infurmata permezz ta' rikors tal-attur tal-20 ta' Mejju 2011 li l-konvenut miet fil-mori tal-kawza u li ghalhekk kien jonqos li ssir il-legitimazzjoni tal-atti.

Illi nhar it-3 ta' Ottubru 2012 dehru l-partijiet assistiti mill-avukati rispettivi taghhom u Dr. Zrinzo Azzopardi ddikjara min huma l-eredi tal-mejjet konvenut Raymond Busuttil u ghalhekk b'digriet taghha tal-istess jum il-Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem l-armla Carmen Busuttil u l-ulied Cleaven Busuttil, Stephanie Ayad u Romina Busuttil.

Rat in-nota ta' Carmen Busuttil li giet prezentata waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2012 li permezz taghha pprezentat kopja tan-nota ta' rinunzja tal-wirt ta' Raymond Busuttil maghmula minn uliedha Cleaven Busuttil, Romina Busuttil u Stephanie Ayad.

Rat ir-relazzjoni tal-Periti Teknici AIC Mario Cassar, AIC Valerio Schembri u AIC Jesmond Mugliett li giet prezentata fit-3 ta' Novembru 2011 fejn fiha waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

I. *"Illi l-konvenut ma qieghedx il-madum skond is-sengha u l-arti, bir-rizultat illi l-attur sofra danni.*
II. *Il-valutazzjoni ta' dawn id-danni jinkludi l-qlugh u t-tnehhija minn fuq il-post tal-madum ezistenti fil-fond li jammonta ghal 87 metru kwadru bir-rata ta' €4 kull metru kwadru =* ***€348***
III. *Madum gdid biex jiehu post dak mqieghed hazin bir-rata ta' €15 kull metru kwadru =* ***€1305***
IV. *Tqeghid mill-gdid ta' 64 metri kwadri tal-madum fl-art bir-rata ta' €8.5 kull metru kwadru =* ***€544***
V. *Tqeghid mill-gdid ta' 23 metri kwadri tal-madum fl-art bir-rata ta' €14 kull metru kwadru =* ***€322***
VI. ***Dawn jaghmlu total ta' €2519 u 18% VAT li jaghmel total ta' €2972.***

Rat ix-xhieda tal-**Perit Mario Cassar** tal-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti kif preseduta, bhala perit perizjuri fil-kawza in dezamina. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu maghmula flimkien mal-Perit Valerio Schembri u l-Perit Jesmond Mugliett liema dokument gie mmarkat mill-qorti bhala dokument VS. Huwa kkonferema il-kontenut ta' dan l-istess rapport.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Jesmond Mugliett** tal-10 ta' Dicembru 2012 fejn huwa ra r-relazzjoni taghhom, u cioe' tieghu flimkien mal-Perit Mario Cassar u mal-Perit Valerio Schembri esebita fl-atti u mmarkata mill-Qorti bhala dokument VS. Huwa spjega li huma kienu gew nominati bhala periti perizjuri. Il-Perit ikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport.

Rat fil-verbal tad-9 ta' Jannar 2013 illi l-Perit Valerio Schembri kien informa lill-Qorti li huwa halef ir-rapport fit-8 ta' Jannar 2013 kif jidher mit-timbru a fol 75.

Rat ir-rikors tat-13 ta' Frar 2013 fejn il-konvenuta Carmen Busuttil talbet li l-atti jigu trasfuzi minn fuq uliedha ghal fuqha stante li l-ulied irrinunzjaw ghall-wirt ta' Raymond Busuttil u l-Qorti laqghet it-talba fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013.

**L-attur Emanuel Genovese** xehed fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li lil Raymond Busuttil kien qabbdu biex jaghmillu l-madum u dan wara li kien

qallu li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Filfatt irrizultalu wara li ma kien minnu xejn ghax huwa kien jahdem fix-xoghol ta' muzajk. Huwa ddikjara li wara erbat ijiem li kien ghamillu l-madum, dan beda jinzel. Ghalhekk kien infurmah, u mar biex jara x-xoghol li kien ghamel. Hu jaf li beda jhabbat saqajh u nel fra temp waqt li kien qieghed hemmhekk nizlet maduma ohra. Il-konvenut qallu li kien lest li jmur u jbiddillu sitt madumiet. Fil-fatt mar u bidillu sitt madumiet fl-ewwel kamra. Nonostante dan il-madum rega' beda niezel. Marret il-mara tal-konvenut u qalet li dan kien qed jigri peress li l-attur kien ghamel xi gypsium. Il-madum baqa' jinzel u filfatt sahansitra anke jinqasam. L-attur filfatt talbu biex jaghtih l-elf u hamsin ewro li kien tah u kien dispost li jerga' johrog minn butu l-flus ghall-madum gdid. Pero' l-konvenut ma accettax u kien lest li jaghti biss is-somma ta' mija u sebghin ewro. L-attur sostna li hu stenna fuq li stenna u sussegwentament fetah din il-kawza. Dan sehh fil-kmamar kollha minn barra sa gewwa. Filfatt minn meta marru il-periti 'l hawn sahansitra baqghu nezlin il-madum tant li l-bieb tal-kamra tal-banju beda jinfetah b'diffikulta.

**Emanuel Genovese** xehed in kontro-ezami fid-9 ta' Lulju 2013 fejn meta gie mistoqsi x'kien hemm mal-art qabel ma' tqighed il-madum minn Raymond Busuttil wiegeb li kien hemm erba' pulzieri konkos. Dan il-konkos sar minn wiehed maghruf bhala Charlie Gatt. Il-materjal biex jitqieghed il-madum kien gie mixtri minn Raymond Busuttil, u huwa kien hallsu tliet liri Maltin ghal kull metru u ghal materjal kien hallsu extra. Dan tqieghed bir-ramel u siment u mhux bil-kolla anzi bix-xahx. Fil-fatt il-madum li tqieghed huwa tat-tip ceramika.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2013 l-attur ipprezenta nota ta’ cessjoni fil-konfront ta’ Cleaven Busuttil, Romina Busuttil u Stephanie Ayad, u zamm ferm il-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta Carmen Busuttil.

**Il-Perit Reuben Sciortino** xehed in eskussjoni fil-15 ta’ Jannar 2014 fejn ikkonferma li effettivament il-madum li sar fil-post in kwistjoni li huwa ezamina kien *hollow*. Dan huwa *hollow* ghax meta thabbat fuqu dan jinstema’ li wara kien vojt u filfatt ix-xhud kien ra l-art tal-maisonette kollu. Huwa stqarr li dakinhar kien qieghed hemm flimkien maz-zewg partijiet li kienu zewgt irgiet. Il-Perit ikkonferma fil-fatt li kien hemm xi *grauting* maqlugh bejn il-madum u fil-fehma tieghu s-sodda li kienet saret ma kienetx saret tajba. Huwa pero’ ma qalax madum. Ma jidhirlux li l-konvenut qatt qallu li ma kienx hu li ghamel ix-xoghol. Filfatt jidhirlu li huwa kien qieghed hemm fil-vesti tieghu bhala dak li kien ghamel ix-xoghol. Huwa dakinhar jaf li kien ra x-xoghol li kien sar. Ma jidhrilux li kien hemm xi hin meta s-Sur Busuttil ipprotesta ruhu u qal li ma kienx hu li ghamel ix-xoghol in kwistjoni.

**Il-Perit Mario Cassar** xehed in eskussjoni fil-15 ta’ Jannar 2014 fejn iddikjaraw li mill-esperjenza taghhom kienu ccekkjaw kif tqieghed il-madum u fir-rapport taghhom hemm indikat x’nuqqasijiet sabu f’dan ix-xoghol. Huma kkonkludew li l-madum ma kienx tqieghed skond is-sengha u l-arti u l-unika soluzzjoni sabiex il-madum jigi skond is-sengha u l-arti huwa li l-madum kollu jinqala’, jinbidel u jitqieghed madum gdid. Il-Perit spjega li trid tara jekk il-fili humiex in linea mal-madum, tara jekk il-madum itaptapx, tara jekk hemm hinka bejn maduma u ohra, fis-sens jekk ikunx hemm xoffa bejn maduma u ohra. Dawk huma indizji u jqisuhom bhala difetti meta jsibuhom imxerdin fix-xoghol kollu.

Huwa kkonferma li huma kienu dahlu fil-kamra tal-banju u filfatt hemm ukoll ritratti mehuda minnhom. Mistoqsi jekk qalghux xi madum, wiegeb li f’dan il-kaz ma kienx hemm bzonn li jaqilghu l-madum. Din ma kinitx kwistjoni jekk il-madum kienx b’sahhtu jew le izda hija kwistjoni dwar it-tqeghid tieghu. Huwa sostna li d-difett kien mifrux max-xoghol kollu. Huwa jiftakar li prezenti waqt l-access kien hemm Dr Ellis u l-partijiet. Huwa jidhirlu li l-attur kien hemmhekk. Mistoqsi jekk il-konvenuti femminili kienux prezenti wiegeb li llum il-gurnata ma jiftakarx. Maghhom kien hemm prezenti wkoll il-Perit Mugliett u l-Perit Schembri. Mistoqsi kif wasal ghall-valur li l-madum kien jiswa hmistax-il ewro kull metru kwadru wiegeb li filfatt kienu marru ghal tip ta’ madum li ma tantx jiswa flus u kemm jista’ jkun jaqbel mat-tip ta’ madum li kien hemm installat. Naturalment din taqa’ taht l-esperjenza taghhom tax-xoghol taghhom. Filfatt il-perit tenna li fil-font in kwistjoni l-art kienet tac-ceramika. Huwa sostna li x-xoghol li sar mertu ta’ din il-kawza kien ta’ kwalita’ hazina hafna. Il-Perit iddikjara li huma ma dahlux fl-inkarigu ta’ min effettivament ghamel ix-xoghol, huma kull ma ghamlu kien li ezaminaw ix-xoghol tieghu, pero’ jekk sarx skond is-sengha u l-arti jew le. Waqt li huwa kien fuq il-post tax-xoghol stqarr li ma kien hemm hadd li qal li x-xoghol ma kienx sar minnu ghax kieku huwa kien jivverbalizza kwistjoni bhal din.

**Il-Perit Jesmond Mugliett** xehed in eskussjoni fit-2 ta’ April 2014 fejn ikkonferma li huwa kien wiehed mill-periti perizjuri li acceda fil-fond u ghamel ir-relazzjoni tieghu flimkien mal-ohrajn. Huwa jiftakar li kienu accedew fuq il-fond in kwistjoni mertu tal-kawza u d-difetti fit-tqeghid kienu ovvja fis-sens li huma u mexjin innotaw li kien hemm xfarijiet bejn maduma u ohra u kien hemm ukoll xi madum li kien itaptap bil-vojt tahtu. Mistoqsi jekk dawn kienux localised jew mifruxa max-xoghol kollu qal li dawn id-difetti ma kienux limitati gewwa kamra wahda izda kien hemm diversi patches. Huwa spjega li s-sodda

ma kinitx tajba u ghalhekk kien hemm uhud mill-partijiet l-ohrajn fejn il-madum inkiser ukoll. Il-Perit tenna li jekk ser tbiddel madum imkisser, trid tassumi li ser issib ezattament bhalu.

Mistoqsi kif waslu ghal-likwidazzjoni tad-danni qal li huma hadu in konsiderazzjoni l-going rates u cioe' ghamlu rata dwar il-qlugh tal-madum, dwar it-tqeghid tal-madum mill-gdid u kif ukoll tax-xiri tal-madum. Huwa ha ezempju r-rata tat-tqeghid bhala €8.5 per square metres. Illum il-gurnata din ir-rata hija ta' €10 jew €11 per square metres. Mistoqsi kif waslu ghar-rata tal-madum ta' square metres wiegeb li din ir-rata ta' €15 per square metre hija r-rata kompetittiva u qieghda lejn il-minimu. Filfatt f'warehouse sale bilkemm tara anqas minn €19 per square metre. Dan kien ceramika normali pero' qal li jista' jkun li jinstab madum mhux ta' kwalita tajba u b'valur anqas. Huwa qal li l-madum in kwistjoni huma rawh kif kien imqieghed. Mistoqsi jekk ir-rata tal-qlugh huma hadmuhiex fuq going rates wiegeb li iva fir-rata tal-qlugh huwa ried jassumi wkoll ir-rata tar-rimi u cioe' d-disposal charges li huma nvoluti fih.

**Carmen Busuttil** xehdet fid-9 ta' April 2014 fejn iddikjarat li hija tigi l-mara ta' Raymond Busuttil. Ir-ragel taghha kien jaghmel xoghol tal-muzajk u kien jaghmel madum tal-art u xoghol fil-kmamar tal-banju. Hija tiftakar li darba minnhom l-attur kien baghat ghaliha u kien urieha x-xoghol li kien ghamel ir-ragel taghha. Hija dehrilha li ma kien hemm xejn hazin. Ix-xhud stqarret illi dan l-ahhar hija regghat ghaddiet minn hemm u sabet li kollox kien ghadu tale quale. Hija spjegat li kienet rat kollox baqa' l-istess fis-sens li kienet rat mill-bieb ta' barra ghax kien miftuh u mhux ghax dahlet gewwa. Pero' hija

tiftakar li wara li miet zewgha, l-attur kien ghajtilha u hija dahlet gewwa. Filfatt dan huwa post zghir hafna.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-konvenut kien qajjem eccezzjoni preliminari fis-sens li l-avviz odjern huwa null stante li ma gietx identifikata l-Qorti li fiha gie ntavolat dan l-Att.

Jinghad illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dik li giet sollevata fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament din l-eccezzjoni fis-sustanza taghha twassalx ghan-nullita` o meno. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-1995 kienu intizi, inter alia, proprju sabiex jigu evitati eccezzjonijiet ta' din in-natura.

Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta' korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m'ghandux jitwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi. Hekk fis-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet "**Michael Micallef vs Louis Mamo et**" dina l-Onorabbli Qorti qalet testwalment hekk:

"L**-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12** jipprovdi li c-citazzjoni (illum ir-rikors mahluf) ghandu jkun fiha:

(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u

(b) it-talba u t-talbiet.

Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza '**Moore noe vs Falzon et'** (Prim'Awla tal-Qorti Civili PA/AM, 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li:

*'ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228)".*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Bonnici vs Zammit noe'** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira ta' l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk:

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap. 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni.*

*Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li*

*l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata".*

Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li '*formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh'* (***'Fino vs Fabri noe'*** *– Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement 'l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli'* ('**Ellul vs Coleiro**' – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994)."

Konsegwentement din il-Qorti tirrileva stante li l-Att gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti ta' Malta huwa ovvju li l-attur kien bi hsiebu jissoggetta l-kaz ghal gudizzju ta' din l-istess Qorti u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-mertu l-konvenut eccepixxa li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u kien ghalhekk li din il-Qorti nnominat lilll-esperti teknici sabiex jassistuha fil-gudizzju taghha stante li hija m'ghandhiex xi esperjenza teknika f'dan il-qasam.

Rat illi d-danni sofferti mill-attur skond ir-relazzjoni tal-periti perizjuri jammontaw ghal elfejn, disgha mija, tnejn u sebghin ewro (€ 2,972). Illi dan l-ammont ma gie kontestat minn hadd mill-partijiet bi prova kuntrarja.

Illi ma hemmx dubbju li fil-kaz in ezami l-attur kien ta appalt lill-konvenut sabiex ibiddilu l-madum ta' gewwa l-fond tieghu 34, Triq Censu Borg, Hamrun. Jinghad li n-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza "**Busuttil vs Fedele et**" fejn inter alia kienet citata s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza "**Micallef vs Mamo et noe**" (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "**Busuttil vs Fedele et"**, il-Qorti qalet hekk:

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali.*

*Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza "**Bonnici noe vs Sammut**".

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “**Darmanin vs Agius**” li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk:

*“Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li `l quddiem juri difetti.*

*L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (Kollez Vol.XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (Kollez Vol XL pI p485*).

*It-tieni principju jghid illi “L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina” (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem” (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972).*

Kien appuntu in vista tas-suespost li din il-Qorti kienet innominat Perit Tekniku sabiex jiehu konjizzjoni tal-provi u jirrelata dwarhom b'mod partikolari sabiex jigi stabbilit jekk hux minnu li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti. Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta` natura teknika ta` perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kinitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et",** il-Qorti Civili Prim'Awla (JRM) rriteniet:

*Bil-ligi u b`harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta` perit mahtur minn qorti u maghmula f`rapport imressaq minnu m`humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f`oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m`ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacjentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli. (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali –23 ta` Gunju 1967).*

Ir-rigett minn Qorti tal-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

Ghalhekk '*in fin dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben*

*informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Illi f'din il-kawza l-kwistjoni tidher li kienet wahda purament teknika fis-sens jekk it-twahhil tal-madum kienx sar skond is-sengha u l-arti. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni ta' min wehhel il-madum jew xi kwistjoni ohra ancillari u kien appuntu ghalhekk li din l-Qorti ghaddiet sabiex tappunta perit tekniku proprju fi stadju bikri tal-proceduri bil-ghan li ma jintilifx zmien utli tal-Qorti.

Il-Qorti thoss li in vista tal-konkluzjonijiet raggunti mill-periti perizjuri dawn jimmeritaw li jkunu ben akkolti minn din il-Qorti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista":**

*"ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b`mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

Illi l-avukat difensur tal-konvenuti stqarr fit-trattazzjoni tieghu li l-attur naqas li jipprova d-danni li huwa sofra u dan ghaliex ma esebiex l-irecvuti li huwa ghamel in konnessjoni max-xoghol li qed jghid li huwa difettuz u jghid li jista' jaghti l-kaz li l-madum li xtara l-attur kien aktar gholi jew irhas minn dak li kkalkulaw l-periti. Jinghad kif del resto stqarr l-istess Perit Mugliett li l-periti

ghamlu l-kalkoli abbazi tal-esperjenza taghhom u ta’ kemm iqumu l-affarijiet fis-suq illum. Inutili li l-avukat difensur jghid li l-attur nefaq somma sabiex wehhel il-madum u dan ghaliex illum l-attur irid jonfoq somma ohra skond *‘il-going rate’* sabiex jirrepara li x-xoghol hazin li ghamel il-mejjet Raymond Busuttil. Illi ghalhekk id-danni li sofra l-attur huma dawk id-danni ta’ llum, il-flus li huwa jrid johrog sabiex jaghmel it-tiswijiet necessarji. Kien ikun inutili fid-dawl tas-suespost li l-attur jipprezenta l-ircevuti tieghu u dan ghaliex il-valur li ghandu jigi likwidat minn din il-Qorti huwa dik is-somma li tirrapprezenta l-flus li l-attur irid johrog sabiex jirrepara x-xoghol hazin li sar u xejn iktar. Illi dan mhux kaz fejn l-attur qed jghid li nefaq somma u qed jitlob li jigi rimbursat din is-somma minhabba xoghol hazin izda hija kawza fejn l-attur qed jirreklama danni u li din il-Qorti giet mitluba sabiex tillikwida u kien ghalhekk li appuntat perizja teknika. Il-Periti fix-xhieda taghhom qalu li kienu konservattivi fir-rigward tal-quantum u ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex raguni ghaliex m’ghandhiex takkolji l-konkluzjonijiet taghhom kemm fir-rigward it-teknika taghhom fejn stqarru li x-xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, kif ukoll fir-rigward ta’ dak li qalu dwar il-valur.

L-avukat difensur tal-konvenuti qal ukoll fit-trattazzjoni tieghu li l-periti perizjuri marru oltre l-inkarigu taghhom ghaliex kuntrarjament ghal dak li ghamel l-ewwel perit huma kkwantifikaw id-danni li sofra l-attur. Din il-Qorti tghid li dan hu l-ezercizzju li kellu jsir mill-bidu nett u dan ghaliex fid-dawl tal-kontestazzjoni jrid ikun hemm prova teknika dwar il-valur tax-xoghol li ghandu jsir u ghalhekk tali ragunament qed jigi wkoll michud.

Illi ghalhekk dwar il-mertu ma jidhirx li hemm wisq iktar x’jinghad u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi wkoll michuda.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tiddikjara li x-xoghol ezegwit fil-fond 34, Triq Censu Borg, Hamrun ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk qed tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont komplessiv tal-elfejn, disa’ mija u tnejn u sebghin ewro (€2,972) inkluz il-VAT ta’ 18% u tikkundanna lill-konvenuta Carmen Busuttil thallas lill-attur din l-istess somma hekk likwidata u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet odjerni fil-konfront ta’ Cleaven Busuttil, Romina Busuttil u Stephanie Ayad.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Carmen Busuttil u bl-imghax jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------